# ĊITTADINI INDAQS F'SOĊJETÀ INKLUŻIVA

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

## LIĠI OPPORTUNITAJIET INDAQS

Persuni b'Diżabilità

2003-2004

IR-RABA' SENA

Dan il-ktejjeb jista' jinkiseb
minn fuq il-homepage tal-Kummissjoni
jew fuq audio mill-uffiċċini tal-Kummissjoni.

An English version of this book is available
on the Commission's website
or from the Commission's office.

**Editur:**
Fred Bezzina

**Pubblikazzjoni:**
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità,
Ċentru Ħidma Soċjali,
Santa Venera
Tel: 21 487 789
Fax: 21 484 609
Textelefon: 21 446 536
E-mail: eocu@knpd.org

www.knpd.org



Matul is-snin li ilhom fis-seħħ liġijiet li jħarsu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità, bħal ngħidu aħna, l-Americans with Disabilities Act ta' l-Istati Uniti, id-Disability Discrimination Act tar-Renju Unit u l-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (LOI) ta' Malta, beda joħroġ dejjem aktar ċar kemm il-persuni b'diżabilità f'pajjiżi differenti qegħdin jiffaċċjaw l-istess xkiel soċjali fil-vjaġġ tagħhom lejn il-kisba ta' opportunitajiet indaqs.

# Daħla

Joħroġ ċar ukoll kemm kien pass pożittiv li dawn il-pajjiżi daħħlu fis-seħħ leġislazzjoni anti-diskriminatorja bil-għan li barra li jitwaqqfu atti negattivi bbażati fuq id-diżabilità, dawn il-liġijiet ikunu strumenti ta' edukazzjoni, f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-persuni b'diżabilità, kemm għall-pubbliku in ġenerali, kif ukoll għall-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom. L-għan ta' dawn il-liġijiet jista' jiġi spjegat f'sentenza waħda: ħidma biex tinħoloq "soċjetà fejn il-persuni b'diżabilità jistgħu jipparteċipaw b'mod sħiħ bħala ċittadini indaqs".[1]

Matul din is-sena ta' ħidma 2003-2004 l-LOI kompliet tagħti sehemha biex nassiguraw drittijiet indaqs u anki biex intejbu l-kwalità ta' ħajja tal-persuni b'diżabilità bħala grupp u bħala individwi.  Dan sar billi ġew segwiti każijiet maqsuma fis-sitt taqsimiet tal-LOI, li huma: ix-Xogħol, l-Aċċessibilità, l-Għoti ta' Servizzi u Oġġetti, l-Edukazzjoni, id-Djar u l-Assigurazzjoni.

[1] http://www.drc-gb.org
(Disability Rights Commission, UK)

Bħalma ġara fi snin oħra, l-akbar żewġ oqsma ta' ħidma kienu l-Edukazzjoni u l-Aċċessibilità. Dan nistgħu nifhmuh għaliex bla dubju ta' xejn dawn huma ż-żewġ kolonni ewlenin li fuqhom aħna lkoll nibnu ħajjitna u l-futur tagħna. Biss kien ta' sodisfazzjon għat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) li l-persuni b'diżabilità u l-familjari tagħna qegħdin ifittxu d-drittijiet tagħhom f'kull qasam tal-ħajja. Dan ifisser li aħna qed nitgħallmu dejjem aħjar kif nużaw l-għodda prezzjuża tal-liġi għall-ġid tagħna stess.

L-istess sena ta' ħidma tikkonferma dak li ilna ngħidu, li l-każijiet għandhom jitressqu l-Qorti assolutament bħala l-aħħar pass, wara li nkunu eżawrejna l-proċess kollu ta' negozjar. Ninnutaw b'diżappunt li l-każijiet li għandna l-Qorti qed jieħdu fit-tul. Dan ma jaqtax qalb il-Kummissjoni, imma jixprunaha biex tagħmel dak kollu possibbli ħalli dan il-proċess jitħaffef kif ukoll biex jinstabu rimedji aktar effettivi li jagħtu soluzzjonijiet ġusti fi żmien raġonevoli.

In-naħa l-oħra tal-munita turina li meta jkun falla kull sforz biex tinstab soluzzjoni raġonevoli, allura m'hemmx triq oħra ħlief li nfittxu d-drittijiet tagħna fil-qorti. Hekk ġara fil-każ li għandna ma' l-Università ta' Malta fejn, matul din is-sena, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda għażla għajr dik tal-Qorti. Minkejja li matul dawn l-aħħar snin, l-Università tejbet l-aċċess fiżiku fuq livelli differenti, għad għandha nuqqasijiet li jridu jiġu indirizzati b'urġenza. Wieħed mill-aktar nuqqasijiet li għandu konsegwenzi serji għall-istudenti u ħaddiema b'diżabilità huwa n-nuqqas ta' aċċessibilità f'Dar l-Istudent. Il-Kummissjoni kienet ilha għal aktar minn tnax-il sena tiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ta' l-Università għal dan in-nuqqas serju. Il-Kummissjoni saħansitra offriet suġġerimenti, li fl-opinjoni tagħha kienu raġonevoli, iżda matul daż-żmien kollu ma sar l-ebda sforz konkret min- naħa ta' l-Università biex tinstab soluzzjoni, la temporanja u lanqas dejjiema. Aħna nibqgħu fidiċjużi li flimkien naslu għal konklużjoni ġusta u kemm jista' jkun fl-iqsar żmien possibbli.

Semmejna l-kelma 'raġonevoli'. L-LOI fiha l-Klawsola tar-Raġonevolezza, klawsola li tobbliga kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lil min jipprovdi servizz biex fit-talbiet jew stqarrijiet tagħhom ikunu dejjem raġonevoli. Il-ħidma kollha tat-TLOI hi msejsa fuq il-kunċett ta' raġonevolezza. Kulħadd jaqbel li l-kunċett ta' raġonevolezza huwa soġġettiv u huwa propju għalhekk li l-Kummissjoni temmen li kull qbil dwar x'inhu raġonevoli għandu jiġi bbażat fuq id-djalogar u n-negozjar fl-ambitu tal-policy ġenerali.

Matul l-2003/2004, uffiċjali u konsulenti tal-Kummissjoni sikwit kellhom laqgħat u diskussjonijiet ma' organizzazzjonijiet u individwi dwar aspetti differenti tal-LOI. Nistgħu ngħidu b'wiċċna minn quddiem li kważi kull meta kien hemm xi nuqqas ta' ftehim fuq xi punt partikolari tal-LOI u l-persuna kkonċernata għamlet kuntatt mal-Kummissjoni, użajna l-proċess ta' djalogar u raġonevolezza biex instabu soluzzjonijiet, jew kompromessi, aċċettabbli għaż-żewġ naħat. Għaldaqstant, aħna nħeġġu lil kull min iħoss il-bżonn biex jagħmel kuntatt mal-Kummissjoni, biex kemm jista' jkun isir ftehim bla ħela ta' ħin u bla ma tiġi mittiefsa r-rieda tajba taż-żewġ naħat.

L-għodda tal-LOI issa ilna nużawha għal dawn l-aħħar erba' snin. Drajnieha sewwa għaliex bħal kull biċċa għodda tajba kienet f'idejna l-ħin kollu. Allura ma jistax jonqos li f'dan iż-żmien kellna l-opportunità biex nagħrfu fejn hi b'saħħitha u fejn hi dgħajfa, fejn hi tajba u fejn hemm lok għal titjib. Għalhekk, is-sena d-dieħla - il-ħames sena tal-ħidma tagħha - biħsiebna npoġġu l-LOI taħt il-lenti u anki nipproponu emendi għall-istess LOI. Dan biex dejjem nirraffinaw dan l-istrument nazzjonali ewlieni li bih flimkien qegħdin insawru opportunitajiet indaqs, niddefendu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità u nibnu soċjetà inklużiva, soċjetà li ma twarrab lil ħadd.

**Joseph M. Camilleri**
Chairperson
Kummissjoni Nazzjonali
Persuni b'Diżabilità

**Marianne Debono**
Manager, Taqsima Liġi
Opportunitajiet Indaqs

KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Fl-1 ta' Ottubru, 2004, il-Liġi Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) tagħlaq erba' snin minn meta s-Soċjetà aċċettat li tibda tħaddimha. Kull Ottubru, il-Kummissjoni permezz tat-Taqsima Liġi Opportunitajiet Indaqs (TLOI) tippreżenta lill-pubbliku Malti rapport tal-ħidma tagħha permezz ta' ktejjeb maħruġ għal dan il-għan. Dan hu r-raba' rapport annwali ppreżentat minn din it-Taqsima.

# Ħarsa Ġenerali

Din it-Taqsima fi ħdan il-Kummissjoni tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni minn persuni b'diżabilità skond sitt oqsma ġenerali:

- Ix-Xogħol (Xgħl)
- L-Edukazzjoni (Eduk)
- L-Aċċessibilità (Aċċ)
- L-Għoti ta' Oġġetti u Servizzi (Serv)
- Id-Djar (Djar) u
- L-Assigurazzjoni (Ass).

Dan il-ktejjeb jippreżenta rendikont tal-ħidma ta' din it-Taqsima li saret minn Ottubru 2003 sa Settembru 2004.

## IL-PROĊESS

Skond il-Liġi Opportunitajiet Indaqs, il-Kummissjoni għandha l-obligu li tirċievi lmenti ta' diskriminazzjoni , tinvestigahom, timmedja biex tinstab soluzzjoni u jekk tħoss il-ħtieġa tressaq il-każ tagħha għall-arbitraġġ jew il-qorti. Il-Kummissjoni hi obbligata wkoll li tagħti pariri fuq il-liġi u l-infurzar tagħha kemm lill-persuni b'diżabilità u l-familji tagħhom kif ukoll lill-bqija tas-Soċjetà li għandha xi obbligi taħt din il-liġi.

Il-Kummissjoni trid twettaq din il-ħidma bil-limiti ta' dak li l-istess liġi tiddefinixxi bħala "raġonevoli" (Kapitlu IV). Għal dan il-għan, il-Kummissjoni waqqfet bord biex jgħinha tiddeċiedi x'għandu jiġi kkunsidrat bħala raġonevoli f'każijiet partikolari. Dan il-bord hu kompost mis-sur Fred Bezzina, direttur eżekuttiv tal-Kummissjoni li jaġixxi bħala ċermen ta' dan il-bord u s-sinjuri Gordon Cardona (persuna b'diżabilità), is-sur John Peel (ġenitur ta' persuna li ma tistax tirrappreżenta lilha nnifisha), il-Perit Robert Musumeci (rappreżentant tal-Building Industry Consultative Committee) u Anne McKenna, li jaġixxu bħala membri. Is-sinjura Marianne Debono, maniġer tat-Taqsima Opportuntijajiet Indaqs fil-Kummissjoni, hi s-segretarja ta' dan il-bord. Ħafna drabi d-deċiżjoni meħuda minn dan il-bord tkun waħda nnegozjata u għalhekk għadd ġmielu ta' dawn il-każijiet jiġu aċċettati bħala li huma raġonevoli imma b'ċerti kundizzjonijiet. Ftit aktar minn terz biss tal-każijiet li ra dan il-bord ġew dikjarati bħala talbiet magħmula li mhumiex raġonevoli skond din il-liġi.

Dan il-bord twaqqaf f'Ġunju 2003 u ħadem b'dan il-mod:

**BORD DWAR L-EŻAMI TAR-RAĠONEVOLEZZA**

| | Total | % |
|---|---|---|
| Każijiet diskussi | 51 | 100 |
| Raġonevoli b'kundizzjoni/jiet | 30 | 59 |
| Mhux raġonevoli | 21 | 41 |

## ILMENTI

Matul din ir-raba' sena, il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq 49 każ li kienu għadhom pendenti mill-ewwel tliet snin u bdiet tinvestiga 59 każ ġdid. Dawn il-108 każi kienu mqassma hekk:

**ILMENTI LI SAR XOGĦOL FUQHOM FL-2003-2004**

| | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | Djar | Ass | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Pendenti | 5(10%) | 6(12%) | 38(73%) | 2(4%) | 0(0%) | 1(2%) | 52 |
| Ġodda | 6(10%) | 16(27%) | 18(31%) | 14(24%) | 4(7%) | 1(2%) | 59 |
| **Total** | 11(10%) | 22(20%) | 56(50%) | 16(14%) | 4(4%) | 2(2%) | 111 |

portunitajiet indaqs

Meta wieħed iqabbel l-ilmenti l-ġodda ma' dawk li daħlu fis-snin ta' qabel wieħed isib dawn iċ-ċifri:

**ILMENTI**

| Tip | 00/01 | | 01/02 | | 02/03 | | 03/04 | | Total | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nr | % |
| Xgħl | 13 | 14 | 9 | 14 | 11 | 17 | 6 | 10 | 39 | 14 |
| Eduk | 10 | 11 | 5 | 8 | 21 | 33 | 16 | 27 | 52 | 19 |
| Aċċ | 48 | 53 | 38 | 60 | 16 | 25 | 18 | 47 | 120 | 43 |
| Serv | 18 | 20 | 10 | 16 | 10 | 16 | 14 | 31 | 52 | 19 |
| Ass | 2 | 2 | 0 | 2 | 2 | 3 | 4 | 7 | 8 | 3 |
| Djar | 1 | 1 | 1 | 0 | 4 | 6 | 1 | 2 | 7 | 3 |
| **Total** | **92** | **100** | **63** | **100** | **64** | **100** | **59** | **100** | **278** | **100** |

L-għadd totali ta' lmenti għal din is-sena tista' tgħid li baqa' l-istess bħal dak tas-sena l-oħra għax kien hemm tnaqqis żgħir ta' 5 każijiet fuq is-sena l-oħra. Irridu niftakru li fl-ewwel sena l-Kummissjoni bdiet tirċievi l-ilmenti minn qabel il-Liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Ottubru 2000 u għalhekk iċ-ċifri li jidhru għall-ewwel sena jkopru effettivament perjodu itwal.

Matul din is-sena l-akbar ammont ta' lmenti reġa' kien dwar l-aċċessibilità (18-il ilment) u kien hemm żieda żgħira ta' zewġ ilmenti aktar minn dak tas-sena l-oħra. Biss l-għadd ta' lmenti dwar l-edukazzjoni (16), l-aċċessibilità (18) u l-għoti ta' servizzi u oġġetti (14) baqgħu kważi l-istess. Fil-każ ta' l-edukazzjoni kellna tnaqqis żgħir fuq is-sena l-oħra ta' żewġ ilmenti waqt li fil-qasam tas-servizzi n-numru baqa' l-istess bħal dak tas-sena l-oħra. Jidher ċar li dawn it-tliet oqsma huma dawk li fihom il-persuni b'diżabilità qed iħossuhom l-aktar iddiskriminati jew li fihom qed iħossuhom aktar komdi li jitolbu rimedju permezz ta' din il-liġi. Fil-qasam tax-xogħol reġa' kellna tnaqqis ta' lmenti u n-numru niżel minn 11 għal 6, kważi bin-nofs. L-oqsma tad-djar u tal-assigurazzjoni għadhom oqsma li jiġbdu ftit li xejn ilmenti minkejja li dawn huma wkoll oqsma importanti biex persuna jkollha kwalità ta ħajja tajba.





Analiżi tal-ħidma tal-Kummissjoni fuq dawn il-111 ilment li ħadmet fuqhom matul din is-sena ssib li dawn jew ingħalqu, l-aktar għax intlaħaq ftehim, jew għax intlaħaq ftehim temporanju li jkun irid jiġi implimentat fuq medda ta' snin, jew għax spiċċaw il-qorti jew għadhom qed jiġu diskussi, kif jidher minn din it-tabella:

**IL-ĦIDMA LI SARET FUQ DAWN L-ILMENTI**

| | Total | % |
|---|---|---|
| Ingħalqu (Għlq) | 58 | 52 |
| Ftehim temporanju (FT) | 9 | 8 |
| Għadhom qed Jiġu Diskussi (Diskuss) | 40 | 36 |
| Qorti | 4 | 4 |
| **Total** | **111** | **100** |

Dan ifisser li l-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi kważi żewġ terzi tal-ilmenti fil-waqt li f'4 fil-mija biss il-Kummissjoni kellha tirrikorri għall-Qorti. Hu importanti li jiġi enfassizat li l-Kummissjoni tirrikorri għall-Qorti bħala l-aħħar miżura. Il-Kummissjoni temmen li din il-ħidma tinvolvi bidla fil-mentalità u l-attitudini li tista' sseħħ b'mod aktar effettiv permezz ta' negozjar u medjazzjoni milli permezz ta' impozizzjoni bil-Qrati. Il-Qorti tintuża biss għal min assolutament ma jridx jisma'.

L-għadd ta' każijiet li għadhom qed jiġu diskussi (40) kważi baqa' l-istess bħal tas-sena l-oħra (38).

Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-maġġoranza tal-każijiet relatati ma' l-għoti ta' servizzi u oġġetti (14 minn 16) waqt li jidher li l-ftehim temporanju jista' jintuża

Analiżi ta' din il-ħidma skond it-tip ta' lment tagħtina dawn iċ-ċifri:

**X'SAR MILL-ILMENTI 2003-2004**

| | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | Djar | Ass | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għlq | 8 | 15 | 17 | 14 | 3 | 1 | 58 |
| F T | - | - | 9 | - | - | - | 9 |
| Diskuss | 3 | 7 | 27 | 1 | 1 | 1 | 40 |
| Qorti | - | - | 3 | 1 | - | - | 4 |
| **Total** | **11** | **22** | **56** | **16** | **4** | **2** | **111** |

l-aktar fil-każijiet relatati mal-aċċessibilità. F'dan il-qasam ukoll il-Kummissjoni rnexxielha tikkonkludi b'mod permanenti nofs il-każijiet biss. Jidher li dawn il-każijiet jieħdu tul ta' ħin aktar biex jingħalqu. Fil-qasam ta' l-edukazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet żewġ terzi tal-ilmenti waqt li għad hemm 7 lmenti pendenti, uħud minnhom ta' natura ġenerika aktar milli ta' natura individwali.

## KONTRA MIN SARU L-ILMENTI

Il-Kummissjoni tinvestiga lmenti li jsiru kontra diversi entitajiet f'pajjiżna, inkluż il-Gvern (Gvn), Entitajiet Parastatali (Para), il-Kunsilli Lokali (KL), il-Knisja (Kns), Entitajiet Privati (Priv) u Oħrajn (Oħra).

L-ilmenti li l-Kummissjoni rċeviet f'dawn l-erba' snin li ilha topera l-Liġi jinqasmu hekk, skond l-entitajiet differenti li kontriehom sar l-ilment:

**KONTRA MIN SARU L-ILMENTI**

| Ent | 00/01 | | 01/02 | | 02/03 | | 03/04 | | Total 00-04 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nru | % | Nr | % |
| Gvern | 37 | 40 | 19 | 30 | 31 | 48 | 36 | 61 | 123 | 44 |
| Para | 21 | 23 | 10 | 16 | 8 | 12 | 4 | 7 | 43 | 15 |
| KL | 6 | 7 | 13 | 21 | 7 | 11 | 7 | 12 | 33 | 12 |
| Kns | 9 | 10 | 12 | 19 | 1 | 2 | 3 | 5 | 25 | 9 |
| Priv | 17 | 18 | 9 | 14 | 16 | 25 | 9 | 15 | 51 | 18 |
| Oħra | 2 | 2 | 0 | 0 | 1 | 2 | 0 | 0 | 3 | 1 |
| **Total** | **92** | **100** | **63** | **100** | **64** | **100** | **59** | **100** | **278** | **100** |

Il-Gvern u l-entitajiet konnessi miegħu (entitajiet parastatali u Kunsilli Lokali) jibqa' l-akbar entità li kontrieh saru l-akbar għadd ta' lmenti. Din iċ-ċifra tammonta għal 80% ta' l-ilmenti kollha. Wieħed jifhem li għadd sostanzjali minn dawn l-ilmenti ġew solvuti fi żmien relattivament qasir. Barra minn hekk ħafna drabi, u b'ċertu raġun, iċ-ċittadini jippretendu li l-Gvern u l-entitajiet tiegħu jkunu l-mudell ta' kif għandhom isiru l-affarijiet - li mhux dejjem ikun il-każ.





Ilmenti kontra entitajiet oħra barra l-Gvern kollha naqsu matul din is-sena. Il-Kummissjoni ma għandha l-ebda indikazzjoniet oħra konkreti li juru li d-diskriminazzjoni kontra persuni b'diżabilità qed tizdied fis-settur pubbliku u qed tonqos fis-settur privat. Il-Kummissjoni temmen li ċ-ċittadin qed isir aktar assertiv fejn jidħol il-Gvern imma aktarx li għadu jibża' aktar fejn jidħol is-settur privat.

Analiżi aktar profonda tal-111-il ilment li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul din is-sena skond l-entitajiet li kontriehom sar l-ilment turi dawn iċ-ċifri:

**X'SAR MILL-ILMENTI SKOND L-ENTITAJIET**

| | Mgħl | Disk | Qorti | FT | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Gvern | 30 (58%) | 22 (42%) | - | - | 52 (100%) |
| Para | 5 (56%) | 3 (33%) | 1 (11%) | - | 9 (100%) |
| K L | 7 (54%) | 5 (38%) | - | 1 (8%) | 13 (100%) |
| Kns | 5 (45%) | 3 (27%) | - | 3 (27%) | 11 (100%) |
| Priv | 11(42%) | 7 (27%) | 3 (12%) | 5 (19%) | 26 (100%) |
| **Total** | **58 (52%)** | **40 (36%)** | **4 (4%)** | **9 (8%)** | **111(100%)** |

Il-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq il-maġġoranza (aktar minn 50 fil-mija) tal-każijiet li saru kontra l-gvern u entitajiet konnessi miegħu fil-waqt li sabet diffikultà relattivament akbar biex tagħlaq każijiet kontra l-Knisja (45 fil-mija) u kontra entitajiet privati (44 fil-mija). Il-ftehim temporanji kważi kollha saru mal-Knisja jew mal-privat.

## ILMENTI MAGĦLUQA

Matul din is-sena l-Kummissjoni rnexxielha tagħlaq 58 ilment u tilħaq ftehim temporanju f'9 ilmenti li kienu mqassma hekk:

| ILMENTI MAGĦLUQA JEW FTEHIM TEMPORANJU | Xgħl | Eduk | Aċċ | Serv | DJar | Ass | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Magħluqa | 8 | 15 | 17 | 14 | 3 | 1 | 58 |
| Ftehim temporanju | - | - | 9 | - | - | - | 9 |
| **Total** | **8** | **15** | **26** | **14** | **3** | **1** | **67** |

Il-Kummissjoni spiss qed ikollha tirrikorri għal ftehim temporanju f'ilmenti relatati ma' l-aċċessibilità minħabba li t-tibdil meħtieġ jieħu fit-tul u anke xi kultant jirrikjedi spiża kapitali qawwija. Minkejja dan, il-Kummissjoni xorta rnexxielha tagħlaq għadd sostanzjali, 16-il ilment, relatat ma' dan il-qasam. L-għadd ta' lmenti magħluqa matul din is-sena relatati mal-qasam edukattiv (15-il ilment) u mal-qasam ta' l-għoti tas-servizzi u oġġetti (14-il ilment) huwa inkoraġġanti.

## IL-QORTI

Matul din is-sena, it-Tribunal Industrijali qata' żewġ każijiet relatati ma' diskriminazzjoni minħabba diżabilità, it-tnejn kontra l-ħaddiem involut. Iċ-Ċentru ta' l-Arbitraġġ qata' l-każ li l-Kummissjoni kellha kontra l-Ministeru ta' l-Intern billi ta raġun mhux komplet lill-Kummissjoni.

Tliet każijiet kontra Michele Peresso, l-Invicta u l-SBT għadhom għaddejjin quddiem il-Qrati ta' Malta.

Matul din is-sena l-Kummissjoni fetħet żewġ kawżi ġodda, waħda kontra l-Università ta' Malta dwar l-aċċess għal Dar l-Istudent u l-oħra kontra l-lukanda Les Lapins, ukoll minħabba l-aċċessibilità. Fl-ewwel każ, il-kawża għadha għaddejja, waqt li fit-tieni ġiet irtirata mill-Kummissjoni wara li din il-Lukanda ma baqgħetx topera u l-mangement ħallas lill-Kummissjoni l-ispejjeż involvuti biex infetħet din il-kawża.





Matul din is-sena l-Kummissjoni ppreżentat 4 protesti ġudizzjarji kontra

a) il-Forzi Armati ta' Malta;
b) l-Università ta' Malta;
c) il-lukanda Phoenicia;
d) il-lukanda Les Lapins.

## KONSULTAZZJONI

Il-Kummissjoni tagħti importanza qawwija lill-aspett edukattiv ta' din il-Liġi u għaldaqstant matul din is-sena saret enfasi qawwija biex il-Kummissjoni toffri servizz ta' konsulenza dwarha kemm lil dawk kollha li jaħdmu dirett f'dan is-settur, jiġifieri persuni b'diżabilità, il-familji u l-organizzazzjonjiiet tagħhom, professjonisti, kif ukoll dawk il-persuni u entitajiet li għandhom xi obbligi b'din il-liġi bħal ma huma dawk li jħaddmu n-nies, dawk li joffru servizz, entitajiet edukattivi, u l-bqija.

Matul din is-sena, il-Kummissjoni kellha żieda qawwija ta' talbiet għal aktar informazzjoni jew pariri marbuta ma' din il-liġi kif jidher minn din it-tabella:

| KONSULTAZZJONI | Total | % |
|---|---|---|
| Xogħol | 15 | 32 |
| Edukazzjoni | 7 | 15 |
| Aċċessibilità | 15 | 32 |
| Għoti ta' Servizzi u Oġġetti | 2 | 4 |
| Djar | 1 | 2 |
| Assigurazzjoni | 7 | 15 |
| **Total** | **133** | **100** |

Din l-informazzjoni tindika li l-qasam tax-xogħol u ta' l-aċċessibilità qed jattiraw l-aktar talbiet għal pariri u aktar informazzjoni. Il-qasam ta' l-edukazzjoni flimkien mal-qasam ta' l-assigurazzjoni wkoll kienu oqsma li fihom intalbet l-għajnuna tal-Kummissjoni. Jidher li l-oqsma tas-servizzi u tad-djar għadhom lura minn dan l-aspett.

## KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni, permezz tat-Taqsima Opportunitajiet Indaqs, wettqet din il-ħidma skond kif titlob l-istess liġi. Din it-Taqsima hi waħda żgħira ħafna u, barra mill-maniġer, jaħdmu direttament fiha hemm ukoll fuq bażi part-time Dr Doreen Clarke LL.D u s-sinj Mary Kay Zammit. Matul din is-sena tat ukoll is-sehem tagħha f'din it-taqsima s-sinj Daniela Debono M.A.

**Fred Bezzina**
Direttur Eżekuttiv (KNPD)

**Marianne Debono**
Manager, Taqsima Liġi
Opportunitajiet Indaqs





F'din it-taqsima, il-Kummssjoni se tagħti rendikont fil-qosor tal-każijiet prinċipali li ħadmet fuqhom matul din is-sena.

# Każijiet Prinċipali

Dawn se jinqasmu f'erba' sezzjonijiet:

a) każijiet magħluqa l-aktar minħabba li nstabet soluzzjoni;
b) każijiet fejn intlaħaq ftehim temporanju u għalhekk il-ftehim finali jkun irid jintlaħaq fuq medda ta' xhur/snin;
c) każijiet fejn għadhom għaddejjin id-diskussjonijiet;
d) każijiet li għadhom quddiem il-Qorti.

L-ordni kif inhuma mniżżla l-każijiet hu mqassam b'tali mod li l-ewwel jidhru l-każijiet relatati max-xogħol, imbagħad l-edukazzjoni, l-aċċessiblità, l-għoti ta' servizzi u oġġetti, djar u l-assigurazzjoni.

## KAŻIJIET MAGĦLUQA XOGĦOL

### 1. Suldat b'Diżabilità mal-Forzi Armati

Il-Forzi Armati tterminat l-impjieg ta' suldat li weġġa' waqt il-qadi ta' dmirijietu. Il-Kummissjoni talbet spjega li waslet biss wara li l-Kummissjoni kellha tirrikorri għal protest ġudizzjarju fil-Qorti. Mid-dokumenti li l-Kummissjoni ngħatat



portunitajiet indaqs

deher li ma kienx hemm diskriminazzjoni skond il-Liġi u għalhekk il-każ ingħalaq.

**2. Terminazzjoni ta' Impjieg mal-Kumpanija Steel & Fence Ltd**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment mingħand ħaddiem b'diżabilità ma' din il-kumpanija li allega li l-impjieg tiegħu ġie tterminat minħabba d-diżabilità tiegħu. Il-ħaddiem għażel li jieħu l-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali. Dan iddikjara li l-Kumpanija kellha raġun tittermina dan l-impjieg.

**3. Terminazzjoni ta' Impjieg mal-kumpanija Dowty**

Każ ieħor simili kien ta' ħaddiem b'diżabilità mal-Kumpanija Dowty li tkeċċa. Il-Kummissjoni ppruvat bla suċċess timmedja. Il-ħaddiem għażel li jieħu l-każ tiegħu quddiem it-Tribunal Industrijali li wkoll qatagħha kontra dan il-ħaddiem.

**4. Promozzjoni ta' Ħaddiem fil-Parlament**

Ħaddiema b'diżabilità li taħdem fil-Parlament allegat li ma kinetx qed tingħata opportunità ta' promozzjoni. Wara diskussjoni bejn iż-żewġ naħat intlaħaq qbil li bih din il-persuna ngħatat il-possibilità li tapplika għal promozzjoni.

**5. Taħriġ għal Ħaddiem fil-Librerija Pubblika**

Ħaddiem b'diżabilità ma' dan id-Dipartiment talab li jkollu l-opportunità li jsegwi t-taħriġ li kien qed jingħata skond il-bżonnijiet tiegħu. Wara intervent mill-Kummissjoni nstabet soluzzjoni aċċettabbli.

## EDUKAZZJONI

**6. Xogħol il-Facilitators fl-Iskejjel Governattivi**

Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti dwar x-xogħol tal-facilitators li kienu jinkludu:

a) id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni ma pprovdietx dan is-servizz;
b) il-facilitator ma jagħtix l-assistenza li l-istudent b'diżabilità għandu/ha bżonn;
c) il-facilitator ma jattendix u l-istudent/a j/tintbagħat id-dar.

Id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni wara konsultazzjoni estensiva fasslet policy ġdida dwar dan is-settur u ħarġet job description ġdida għall-facilitators. Għaldaqstant dawn l-ilmenti naqsu u dawk li saru setgħu jiġu riżolti b'aktar faċilità u ħeffa.

L-istess jista' jingħad għall-miżura pożittiva meħuda mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni li jkollu għadd ta' facilitators li jistgħu jieħdu post dawk regolari meta dawn ta' l-aħħar għal raġuni valida jkunu assenti. Naturalment, ikun hemm ċirkustanzi fejn, għal żmien limitat, il-problema ma tkunx tista' tiġi solvuta. Il-Kummissjoni anke kellha diskussjonijiet mal-Malta Union of Teachers biex din il-policy tkun tista' tiġi implimentata b'aktar effiċjenza.

**7. Xogħol il-Facilitators fl-Iskejjel tal-Knisja**

Il-Kummissjoni kellha lmenti simili minħabba li għadd ta' studenti b'diżabilità fl-iskejjel tal-Knisja bdew jintbagħtu d-dar meta l-facilitator tkun assenti. Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet ma' l-Awtoritajiet tal-Knisja biex dawn ukoll ikollhom għadd żgħir ta' facilitators li jkunu jistgħu jissostitwixxu l-facilitator regolari. Għalkemm għad ma nstabitx soluzzjoni permanenti għal din il-problema, ħafna mill-ilmenti partikolari ġew solvuti.

**8. Ripetizzjoni ta' Sena Skolastika**

Il-Kummissjoni kellha lment li student b'diżabilità ma kienx se jingħata l-possibilità li jirrepeti sena skolastika kif kien indikat mill-professjonisti tad-Diviżjoni . Wara li saru d-diskussjonijiet neċessarji dan il-każ ġie solvut.

## AĊĊESSIBILITÀ

**9. Aċċess għall-Entratura Prinċipali tal-Ministeru ta' l-Intern**

Il-Kummissjoni ressqet ilment li l-Ministeru ta' l-Intern, li dak iż-żmien kien ukoll responsabbli mill-Awtorità ta' l-Ippjanar, ma kienx aċċessibbli. Il-Kummissjoni ppruvat tasal fi ftehim biex għallinqas l-entratura prinċipali tkun aċċessibbli għal kulħadd. Minħabba li ma ntlaħaq l-ebda ftehim, il-każ mar quddiem iċ-Ċentru ta' l-Arbitraġġ. Dan iddeċieda li l-entratura għandha ssir aċċessibbli imma mhux eżatt kif talbet il-Kummissjoni. L-ispejjeż inqasmu bejn iż-żewġ naħat. Il-Ministeru implimenta d-deċiżjoni meħuda fiż-żmien stipulat.

**10. Bus Shelter f'Burmarrad**

Il-Kummissjoni laħqet ftehim mal-kumpanija Faces biex il-bus shelters li kienet qed tinstalla jkunu aċċessibbli u ma joffrux ostakoli. Il-Kummissjoni kellha lment li bus shelter f'Burmarrad kien qed joħloq ostaklu u persuna li tuża siġġu tar-roti ma setgħetx tuża l-bankina. Wara intervent mill-Kummissjoni, din il-problema ġiet solvuta.

**11. Aċċess għat-Tribunali Reġjonali**

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex it-tribunali reġjonali jiltaqgħu f'post li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Wara diskussjonijiet, it-tribunali reġjonali tal-Fgura u taż-Żurrieq issa qed jiltaqgħu f'post li hu aċċessibbli.

**12. Bankina taħt ir-Rampa għall-Mużew tal-Kon-Kattidral ta' San Ġwann**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li r-rampa tajba li kienet saret għall-Mużew tal-Kon-Katidral ta' San Gwann, il-Belt, ma setgħetx tintuża minħabba li l-bankina li tagħti għaliha kienet kollha mkissra u ma kinetx aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti. Il-Kummissjoni għaddiet dan l-ilment lill-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta li ħa ħsieb jirranġa din il-bankina.

**13. Knejjes Parrokkjali**

Il-Kummissjoni kompliet bil-ħidma tagħha biex il-knejjes parrokkjali jkollhom għallinqas l-entratura tagħhom aċċessibbli. Matul din is-sena ġie kkonfermat li l-knejjes parrokkjali tal-Gudja u ta' Ħal Għaxaq issa għandhom l-entratura tagħhom aċċessibbli. Ukoll, il-ftehim temporanju li kien intlaħaq mal-Provinċja tal-Franġiskani Minuri dwar il-knisja l-ġdida tal-Qawra issa kien implimentat kollu.

**14. Aċċess għal-Lukanda Les Lapins**

Il-Kummissjoni għamlet diversi tentattivi biex il-ftehim temporanju li kien intlaħaq ma' din il-lukanda jiġi implimentat. Dan baqa' ma sarx u l-Kummissjoni kellha ta' bilfors tiftaħ kawża l-Qorti kontra din il-lukanda. Ftit wara li bdiet din il-kawża, il-lukanda ddikjarat li kienet ser tagħlaq u għalhekk il-każ waqa'. Il-lukanda aċċettat li tħallas l-ispejjeż li saru biex infetħet din il-kawża.





**15. Aċċess għall-Eye Clinic ta' l-isptar St James**

Dan l-isptar fetaħ Eye Clinic f'Tas-Sliema li ma kinetx aċċessibbli. Il-management xtara siġġu tar-roti speċjali li jitla' t-taraġ izda l-Kummissjoni, għal diversi raġunijiet, ma aċċettatx dan l-arranġament bħala wieħed raġonevoli. Wara, din il-klinika ġiet ittrasferita f'bini li hu aċċessibbli u għalhekk il-każ ġie solvut.

## GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI

**16. Electronic Banking mal-Bank of Valletta**

Il-Kummissjoni kellha lment li s-servizz ġdid ta' l-electronic banking tal-Bank of Valletta ma kienx aċċessibbli għal persuni għomja. Wara diskussjoni bejn il-Kummissjoni, il-Fondazzjoni għall-Aċċessibilità fl-Informatika u dan il-bank, intlaħaq ftehim dwar kif dan is-servizz jista' jkun aċċessibbli anke għal persuni b'diżabilità, l-aktar dawk għomja. Dan il-ftehim ġie implimentat u għalhekk il-każ ingħalaq.

**17. Użu tal-Karta ta' l-Identità Specjali**

Għal darb'oħra, il-Kummissjoni kellha lment li persuni li għandhom il-Karta ta' l-Identità Speċjali maħruġa mill-Kummissjoni lil persuni b'diżabilità ma kinux qed jingħataw servizz skond il-bżonnijiet tagħhom fl-Isptar San Luqa, l-aktar biex jingħataw prijorità fis-servizz. Il-Kummissjoni reġa' kellha diskussjonijiet mat-tmexxija ta' l-isptar biex din il-problema tissolva. Id-Diviżjoni tas-Saħħa ħarġet struzzjonijiet aktar ċari lit-tmexxija ta' l-isptarijiet biex din il-problema titnaqqas kemm jista' jkun.

**18. Nuqqas ta' Servizz ta' Home Help u Ċentri ta' Matul il-Jum**

Il-Kummissjoni kellha lmenti li persuni b'diżabilità ma kinux qed jirċievu s-servizz tal-Home Help jew taċ-Ċentri ta' Matul il-Jum mid-Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità. Dan kien dovut minħabba nuqqas ta' fondi. Il-Kummissjoni ħadmet bis-sħiħ kemm fuq livell individwali kif ukoll fuq livell ġenerali biex dawn il-problemi jiġu solvuti, kif ġara.

## DJAR

### 19. Installazzjoni ta' Lift f'Bini Privat

Il-Kummissjoni kellha lment li bini ta' appartamenti privati ma kellux lift u għalhekk ma setax jintuża minn persuni b'diżabilità li xtaqu jikru wieħed minn dawn l-appartamenti. Wara diskussjoni, dan il-każ partikolari ġie solvut. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni għamlet rappreżentazzjoni mal-Ministeru tal-Ambjent u l-MEPA biex żvilupp ġdid li jkun jinkludi għadd sostanzjali ta' appartamenti jibda jissodisfa l-kriterji dwar l-Aċċessibilità għal Kulħadd. Dan jinkludi li l-partijiet komuni jkunu aċċessibbli għal kulħadd u li għadd raġonevoli minn dawn l-appartamenti jkunu wkoll aċċessibbli għal kulħadd, inklużi persuni li jużaw siġġu tar-roti.

## FTEHIM TEMPORANJU

## AĊĊESSIBILITÀ

### 1. Aċċess għall-Kunsill Lokali tal-Imġarr

Il-Kummissjoni kellha lment li l-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr ma kienx aċċessibbli. Il-Kunsill ippropona li jibni estensjoni żgħira li tmiss mal-bini tal-Kunsill biex jiġi installat lift u hekk il-bini kollu jsir aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi dan l-iżvilupp.

### 2. Aċċess għall-Knejjes Parrokkjali

Matul din is-sena, il-Kummissjoni laħqet ftehim temporanju mal-parroċċi ta' Bormla u tal-Mosta biex il-knejjes parrokkjali tagħhom ikollhom l-entratura prinċipali aċċessibbli. Fil-każ tal-parroċċa ta' Bormla, il-Kumitat għar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera aċċetta li jibni rampa skond il-linji gwida tal-Kummissjoni. Saret diskussjoni dwar jekk ikunx aħjar li jiġi installat lift imma kien hemm qbil li r-rampa tkun aħjar.

Dwar il-parroċċa tal-Mosta, il-Kunsill Lokali beda r-riabilitazzjoni tal-pjazza li se tinkludi rampa mit-triq għaz-zuntier tal-knisja. Il-kappillan se jieħu ħsieb li ssir rampa miż-zuntier għall-knisja. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din il-knisja ffrekwentata mill-Maltin u mit-turisti ssir aċċessibbli għal kulħadd.





### 3. Aċċessibilità f'Lukandi

Il-Kummissjoni qed taħdem biex lukandi mibnija dan l-aħħar ikunu aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni kellha lment li l-lukanda Bay Street ma kellhiex kmamar aċċessibbli għal persuni li jużaw siġġu tar-roti waqt li l-lukanda Riviera kellha l-entratura prinċipali u wieħed mir-restoranti tagħha li ma kinux aċċessibbli skond il-Linji Gwida tal-Kummissjoni. Wara diversi diskussjonijiet, intlaħaq ftehim temporanju maż-żewġ lukandi. Fil-każ tal-lukanda Bay Street il-ftehim għad ma bediex jiġi implimentat, waqt li fil-każ tal-lukanda Riviera beda jiġi implimentat.

Il-Kummissjoni kellha lment li l-Lukanda Phoenicia kellha l-entratura prinċipali u dik għall-Ballroom li ma kinux aċċessibbli. Intlaħaq ftehim li ma ġiex implimentat, tant li l-Kummissjoni kellha tippreżenta protest ġudizzjarju kontra din il-lukanda. Il-Kummissjoni reġgħet laħqet ftehim ieħor u qed tistenna li din id-darba, dan jiġi implimentat.

### 4. Aċċess għar-Ristorant Mamma Mia

Il-Kummissjoni kellha lment li dan ir-restorant ma kienx aċċessibbli. Il-proprjetarju talab eżenzjoni minħabba li kien kważi impossibbli li tirrendi dan ir-restorant aċċessibbli. Hu kien qed jirranġa restorant ieħor - Manhattan - u assigura lill-Kummissjoni li dan kien se jkun kompletament aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni aċċettat dan il-ftehim bħala wieħed raġonevoli.

### 5. Aċċess għax-Showroom tal-UCIM Co Ltd

Il-Kummissjoni kellha lment li x-showroom tal-UCIM ma kienx aċċessibbli. Il-proprjetarju talab li jiġi eżentat milli jkollu l-entratura prinċipali aċċessibbli minħabba problemi tekniċi kbar u assigura li persuna li tuża siġġu tar-roti tista' tuża entratura oħra. Il-Kummissjoni aċċettat dan il-ftehim, b'xi kundizzjonijiet, bħala wieħed raġonevoli.

# KAŻIJIET LI GĦADHOM QED JIĠU DISKUSSI

## XOGĦOL

### 20. Reklutaġġ mal-Pulizija

Applikazzjoni għal spettur ġiet rifjutata mill-Korp tal-Puliziija minħabba li l-applikant kellu d-dijabete. Il-Kummissjoni talbet spjega u anke kellha laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija biex tassigura li l-Korp, fil-waqt li jkun jista' jaqdi l-missjoni tiegħu, joffri opportunitajiet indaqs. Il-Kummissjoni għadha qed tiddiskuti dan il-każ.

### 21. Skema tas-Saħħa mal-Lombard Bank

Il-Kummissjoni kellha lment li l-Lombard Bank kien qed jiġbor informazzjoni dwar persuni b'diżabilità li setà jkun li ma kellux dritt għaliha. Instab li din l-informazzjoni kienet qed tinġabar b'mod volontarju u eskluzivament biex l-applikant ikun jista' jibbenefika minn skema ta' saħħa li l-bank qed joffri lill-impjegati tiegħu. Il-Kummissjoni qed tkompli tiddiskuti dan il-każ biex tassigura li l-informazzjoni miġbura tkun volontarja u ma tkunx tista' b'xi mod tintuża għad-detriment tal-ħaddiema b'diżabilità.

## EDUKAZZJONI

### 22. Tnaqqis fuq Taxxa għal Studenti b'Diżabilità fl-Iskejjel Indipendenti

Il-Kummissjoni rċeviet ilmenti li l-ġenituri ta' studenti b'diżabilità li jattendu skejjel indipendenti kienu qed iħallsu huma għas-servizz ta' facilitator li wliedhom għandhom bżonn minħabba d-diżabilità tagħhom. Il-Kummissjoni għamlet talba biex dawn ikollhom tnaqqis fit-taxxa tad-dħul ogħla minn dak li jingħata lill-ġenituri l-oħra. Il-Kummissjoni kellha diskussjoni kemm mal-Ministeru tal-Edukazzjoni kif ukoll mal-Ministeru tal-Finanzi imma s'issa din it-talba għadha ma ntlaqgħetx. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex din it-talba tintlaqa'.

### 23. Għoti ta' Mediċina fl-Iskejjel Regolari

Il-Kummissjoni kompliet bid-diskussjonijiet mal-awtoritajiet edukattivi biex din il-problema tiġi solvuta. Għal dan il-għan inħatar kumitat żgħir magħmul minn rappreżentanti tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, tal-Ministeru tas-Saħħa u tal-Kummissjoni biex titfassal policy nazzjonali. Dan il-kumitat dalwaqt ilesti l-abbozz ta' din il-policy li mbagħad jiġi diskuss mas-setturi kollha involuti.

### 24. Aċċess fl-Iskejjel

Il-Kummissjoni kellha diversi lmenti minn studenti b'diżabilità li qed jattendu fi skejjel li mhumiex aċċessibli għalihom. Dawn l-iskejjel jinkludu l-iskola Ninu Cremona, Victoria, l-iskola primarja ta' Birkirkara, l-iskola primarja ta' Marsaskala, l-iskola primarja ta' Paola u l-iskola primarja ta' Victoria. Il-Kummissjoni kellha diskussjonijiet kemm mal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni kif ukoll mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada biex dawn il-problemi jittaffew u jingħelbu. Filwaqt li sar xi xogħol, dan għadu wieħed limitat u hu ttamat li issa li l-Fondazzjoni għelbet il-problemi amministrattivi li kellha, din il-ħidma taqbad ritmu aktar mgħaġġel.

## AĊĊESSIBILITÀ

### 25. Aċċess għal-Lift tal-Palazz

Il-Kummissjoni ħadmet ħafna biex il-palazz ikollu lift ħalli jirrendi partijiet sostanzjali minnu aċċessibbli għal kulħadd. Dan il-lift sar, izda biex dan il-lift ikun jista' jintuża hemm tarġa li għandha rampa temporanja mhix tajba. Il-Kummissjoni ilha taħdem biex issir rampa tajba li tkun dejjem fuq il-post. Il-Kummissjoni diġà kellha diskussjoni dwar dan mal-Presisent il-ġdid, l-E.T. Dr E Fenech Adami, u tittama li din il-problema tiġi solvuta.

### 26. Ministeru tat-Turiżmu

Il-Kummissjoni qed taħdem biex postijiet tat-turizmu u tal-kultura jkunu aċċessibbli għal kulħadd. Fost dawn, il-Kummissjoni kellha lment dwar it-Teatru Manoel u l-bajja l-ġdida f'San Ġorġ. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem biex isir dak kollu possibbli ħalli dawn il-postijiet isiru aċċessibbli.

**8. Diviżjoni tas-Saħħa**

Il-Kummissjoni temmen li bini użat biex jiġu pprovduti servizzi mediċi għandu jkun minn ta' l-ewwel li jkun aċċessibbli għal kulħadd. Dan mhux dejjem il-każ tant li ċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Gżira jinsab fit-tieni sular u mhemmx lift. Il-Kummissjoni qed taħdem mad-Diviżjoni tas-Saħħa biex din il-problema tingħeleb. Id-Diviżjoni diġà xtara lift però hemm problemi biex dan jiġi installat minħabba li l-bini hu mikri mill-privat.

Il-Kummissjoni wkoll ilha ħafna tinsisti li jkun hemm toilets aċċessibbli għal kulħadd fid-Dipartimenti ta' l-Outpatients u ta' l-Emerġenza fl-isptar San Luqa. Il-Kummissjoni se tieħu l-passi kollha neċessarji biex dan isir fi żmien raġonevoli.

**9. Dipartimenti tal-Liċenzji u tal-VAT**

Il-Kummissjoni qed taħdem biex aktar dipartimenti tal-Gvern ikunu aċċessibbli għal kulħadd u tinsab f'diskussjonijiet mad-Dipartiment ta' l-Liċenzji u tal-VAT biex jibda jintlaħaq dan il-għan. Fl-ewwel Dipartiment diġà tlesta xi xogħol waqt li f'tat-tieni jidher li hemm problemi biex jinħarġu l-permessi neċessarji mill-MEPA.

**10. Għases tal-Pulizija**

Il-Kummissjoni qed tinsisti li, skond programm li jkun miftiehem, l-għases tal-pulizija, b'mod raġonevoli u sa fejn hu possibbli, isiru aċċessibbli għal kulħadd. Għaddejjin diskussjonijiet dwar l-għases ta' Paola u z-Żurrieq waqt li ntlaħaq ftehim dwar l-għassa l-ġdida ta' Gwardamanġa. Sar ftehim ukoll li jsir eżami ta' l-għases prinċipali u jsir rapport dwar kif tista' titjieb l-aċċessibilità fihom. Din il-ħidma qed issir u dalwaqt jitlestew l-ewwel rapporti bit-tama li, skond programm iggradat, dawn jibdew jiġu implimentati.

**11. Aċċess għall-Karozzi fl-Imdina**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li persuni b'diżabilità li għandhom il-Blue Sticker kien qed ikollhom diffikultà minħabba li huma ma jistgħux jidħlu l-Imdina. Il-Kummissjoni talbet li jibdew diskussjonijiet mill-Awtoritatjiet tal-Pulizija u għamlet suġġeriment li

a) ikun hemm għadd raġonevoli ta' parkeġġi riservati għall-persuni b'diżabilità li għandhom il-Blue Sticker;
b) karrozzi bil-Blue Sticker jitħallew jidħlu fl-Imdina u jistgħu jipparkjaw fil-parkeġġi riservati għalihom biss.

Id-diskussjonijiet dwar dawn is-suġġerimenti għadhom għaddejjin.

**12. Aċċess għal Dar il-Mediterran**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar problemi ta' aċċess f'dan il-kumpless. Bdew diskussjonijiet dwar il-bankina ta' quddiem l-entratura prinċipali, l-entratura prinċipali u t-toilets. Jidher li hemm rieda biex dawn il-problemi jiġu riżolti fi żmien qasir.

**13. Aċċess għall-Bini tal-Public Broadcasting Services**

Il-Kummissjoni kompliet taħdem biex il-bini ta' din il-Kumpanija importanti jkun aċċessibbli għal kulħadd tant li anke sar rapport dettaljat dwar dan minn perit. Minkejja li l-Kummissjoni kompliet tinsisti biex dan ir-rapport jibda jiġi implimentat, ftit li xejn sar progress. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem għal dan il-għan.

**14. Aċċess għat-Tribunali Reġjonali**

Il-Kummissjoni għadha għaddejja b'diskussjonijiet biex it-tribunali reġjonali kollha jiltaqgħu f'post li jkun aċċessibbli għal kulħadd. S'issa għad ma nstabitx soluzzjoni għat-tribunali għar-reġjuni ta' Għawdex u ta' Ħal Qormi. Għalhekk il-Kummissjoni qed tkompli taħdem fuq dawn iż-żewġ każijiet.

**15. Aċċess għas-Suq tal-Belt Valletta**

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li s-suq tal-Belt Valletta mhux aċċessibbli għal kulħadd, kemm minħabba li l-entratura prinċipali mhix aċċessibbli kif ukoll minħabba li ma hemmx lift. Il-Kummissjoni għamlet rappreżentazzjonijiet mal-Kunsill Lokali fuq l-ewwel problema u mad-Dipartiment ta' l-Artijiet (is-sid tal-bini) u fuq it-tieni problema. Il-Kummissjoni għadha għaddejja bid-diskussjonijiet fuq iż-żewġ problemi.

### 16. Parkeġġ Riservat ħdejn Bay Street

Wara li sar xogħol estensiv f'din iż-żona, il-parkeġġ riservat li kien hemm f'dan il-lokal tneħħa u kien hemm diffikultà biex dan jerġa' jitpoġġa f'post viċin. Minkejja d-diskussjonijiet li saru kemm mal-Kunsill Lokali kif ukoll mal-Awtorità dwar it-Trasport, għad ma nstabitx soluzzjoni.

### 17. Knejjes Parrokkjali

Il-Kummissjoni għadha għaddejja b'diskussjonijiet biex il-knejjes parrokkjali ta' l-Għarb, ta' l-Għasri u tan-Nadur ikollhom għallinqas l-entratura prinċipali aċċessibbli għal kulħadd.

### 18. Il-Ħanut Ewlieni ta' Conimex Ltd

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-ħanut prinċipali ta' din il-kumpanija mhux aċċessibbli għal kulħadd. Il-Kummissjoni qed tiddiskuti mal-kumpanija biex din il-problema tiġi solvuta.

### 19. Aċċess għal Każini tal-Baned

Il-Kummissjoni rċeviet żewġ ilmenti separati, wieħed li kien qed jinbena l-każin ġdid tal-banda Sant'Antnin f'Birkirkara, u l-ieħor li kien qed isir xogħol strutturali kbir fil-każin tal-banda ta' San Ġwann u li dawn ma kinux se jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-Kummissjoni bdiet diskussjoniet ma' dawn iż-żewġ baned biex nassiguraw li dak li hu raġonevoli jsir ħalli l-persuni b'diżabilità jkollhom opportunitajiet indaqs anke f'dan is-settur.

## DJAR

### 20. Permess mill-MEPA għall-Installazzjoni ta' Lift

Il-Kummissjoni rċeviet ilment li l-MEPA rrifjutat li jinħareġ permess (għal raġunijiet estetiċi) biex jiġi installat lift biex persuna b'diżabilità tkun tista' tuża d-dar bla xkiel. Diskussjonijiet dwar dan il-każ għadhom għaddejjin, iżda bħala prinċipju, fil-waqt li l-Kummissjoni tifhem li l-aspett estetiku ma għandux jiġi injorat, il-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs għandu jingħata importanza massima.





## ASSIGURAZZJONI

### 21. Premium Ogħla għal Assigurazzjoni fuq il-Ħajja

Il-Kummissjoni rċeviet ilment minn persuna li għandha d-dijabete li l-Middlesea Valletta Life Assurance talbitu premium ogħla minħabba d-diżabilità tiegħu. Il-Liġi Opportunitajiet Indaqs tippermetti dan jekk il-kumpanija ġġib provi sodi li jiġġustifikaw dan. Għalhekk il-Kummissjoni talbet il-provi u l-kumpanija wieġbet. Issa l-Kummissjoni qed tistudja l-provi mressqa.

## QORTI

## AĊĊESSIBILITÀ

### 1. Aċċess għal Dar l-Istudent, l-Università ta' Malta

Il-Kummissjoni ilha s-snin taħdem biex l-Università ta' Malta tkun fiżikament aċċessibbli għal kulħadd. Ma hemm l-ebda dubbju li partijiet sostanzjali tal-kampus hu aċċessibbli. Minnkejja dan, il-Kummissjoni minn dejjem uriet il-pre-okkupazzjoni tagħha li Dar l-Istudent, parti importanti fil-ħajja ta' l-Università, ma kinetx aċċessibbli. Minkejja li saru diskussjonijiet twal, dan il-bini importanti għadu mhux aċċessibbli.

Kummissjoni ppreżentat protest ġudizzjarju dwar dan imma s-sitwazzjoni ma nbidlitx tant li l-Kummissjoni kienet kostretta tiftaħ kawża ċivili kontra l-Università. Il-Kummissjoni tittama li din il-kawża tinqata' fl-iqsar żmien possibbli.

### 2. Aċċessibilità għall-Istabiliment ta' l-Invicta

Din il-kumpanija ddikjarat li ma kinetx  qed tbigħ prodotti għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità u barra minn hekk bdiet topera minn ħanut li relattivament kien aktar aċċessibbli. Għalhekk sar tentattiv biex ikun hemm qbil dwar kif se jinqasmu l-ispejjeż, izda ma ntlaħaqx ftehim. Għalhekk, il-Qorti ntalbet tagħti sentenza dwar dan. Minkejja li din il-kawża issa ilha ħafna għaddejja, għad ma nqatgħetx.

### 3. Aċċessibilità għall-Istabiliment ta' Michele Peresso

Il-Kummissjoni fetħet kawża kontra dan l-istabiliment li jbigħ prodotti għall-użu speċifiku ta' persuni b'diżabilità minħabba li dan il-bini minn fejn topera ma kienx aċċessibbli skond il-Linji Gwida

Kummissjoni. Il-kawża li ilha li nfetħet minn Marzu 2001u għadha għaddejja b'detriment għal persuni b'diżabilità.

## GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI

### 4. L-Użu tal-SMS u l-Kumpanija SBT

Wara lment mill-Għaqda tal-Persni Neqsin mis-Smigħ biex is-serivizzi tal-SBT ikunu aċċessibbli għal membri neqsin mis-smigħ permezz tal-SMS u li ma ġietx milqugħa, il-Kummissjoni fetħet kawża. Wara, il-kumpanija aċċettat li tipprovdi numru ta' telefon mobile imma ma aċċettatx li l-Kummissjoni tagħti pubbliċità lil dan in-numru. Il-Kummissjoni ma qablitx u għalhekk il-kawża kellha titkompla. Inġabret ix-xhieda u l-kawża issa tinsab għas-sentenza.



KUMMISSJONI NAZZJONALI PERSUNI B'DIŻABILITÀ

Din hi lista tal-każijiet kollha ta' l-ilmenti li l-Kummissjoni ħadmet fuqhom matul is-sena 2003-2004:

# Il-Każijiet Kollha

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Magħluq:** | *Magħluq* | **Konsultazzjoni:** | *Kons* |
| **Ftehim Temporanju:** | *FT* | **Il-Qorti, Arbitraġġ u** | |
| **Għadu qed jiġi diskuss:** | *Diskuss* | **Tribunal industrijali** | *Qorti* |

**XOGĦOL - PENDENTI**

| Entità | Ilment | Status |
|---|---|---|
| Kummissarju tal-Pulizija | Reklutaġġ | Diskuss |
| Forzi Armati | Terminazzjoni ta' impjieg | Diskuss |
| Steel & Fence Ltd | Terminazzjoni ta' impjieg | Magħluq |
| Kalaxlokk Co Ltd | Bdil tax-xogħol | Magħluq |
| Dowty | Terminazzjoni ta' impjieg | Magħluq |

**XOGĦOL - ĠODDA**

| | | |
|---|---|---|
| Diviżjoni tax-Xogħlijiet | Transfer | Magħluq |
| Parlament | Promozzjoni | Magħluq |

| | | |
|---|---|---|
| Lombard Bank | Skema tas-Saħħa | Diskuss |
| Librerija Pubblika | Taħriġ | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Kundizzjonijiet tax-xogħol | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Promozzjoni | Magħluq |

**EDUKAZZJONI - PENDENTI**

| | | |
|---|---|---|
| Ministeru tal-Finanzi | Tax Rebate għall-istudenti b'diżabilità fl-iskejjel indipendenti | Diskuss |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Amministrazzjoni ta' mediċina fl-iskejjel | Diskuss |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola ta' Victoria | Diskuss |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator - ġenerali | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator waqt l-eżamijiet | Magħluq |

**EDUKAZZJONI - ĠODDA**

| | | |
|---|---|---|
| Ministeru ta' l-Edukazzjoni | Rekwiżiti għas-6th Form | Magħluq |
| St Dorothy | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Trasport u attività ekstra kurrikulari | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola Ninu Cremona, Victoria | Diskuss |
| Stella Maris | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Xogħol ta' facilitator partikolari | Magħluq |





| | | |
|---|---|---|
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Edukazzjoni fi skola regolari | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola primarja, B'kara | Diskuss |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola primarja, Paola | Diskuss |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Sostitut għal facilitator | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-eżamijiet | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Ripetizzjoni ta' sena skolastika | Magħluq |
| Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni | Aċċess għall-iskola primarja ta' Marsaskala | Diskuss |

**AĊĊESSIBILITÀ - PENDENTI**

| | | |
|---|---|---|
| Diviżjoni tas-Saħħa | Toilets fid-dipartimenti tal-outpatients u l-emerġenza fl-Isptar San Luqa | Diskuss |
| Michele Peresso | Aċċess għal Ċentru Mediku | Qorti |
| L-Uffiċċju tal-President | Aċċess għal-lift tal-palazz | Diskuss |
| Provinċja tal-Franġiskani Minuri | Aċċess għall-knisja tal-Qawra | Magħluq |
| Invicta | Aċċess għall-ħanut | Qorti |
| Diviżjoni tas-Saħħa u oħrajn | Aċċess għall-Bini Evans | Diskuss |
| Università ta' Malta | Aċċess għal Dar l-Istudent | Qorti |
| Kapitlu tal-Kattidral | Aċċess għall-Katidral ta' l-Imdina | FT |
| Lukanda Phoenicia | Aċċess | FT |

| | | |
|---|---|---|
| Ministeru ta' l-Intern | Aċċess għall-entratura prinċipali | Magħluq |
| Dipartiment tal-VAT | Aċċess | Diskuss |
| Parroċċa tal-Mosta | Aċċess  għall-knisja parrokkjali | FT |
| Lukanda Les Lapins | Aċċess | Magħluq |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għaċ-Ċentru tas-Saħħa, Gżira | Diskuss |
| MEPA | Aċċess għall-Uffiċċju ta' Għawdex | Magħluq |
| Sptar St James | Aċċess għall-Eye Clinic | Magħluq |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Aċċess għad-Dipartiment tal-Informazzjoni għas-Saħħa | Diskuss |
| Kummissarju tal-Pulizija | Għassa taż-Żejtun | Diskuss |
| Parroċċa tal-Mosta | Aċċess għall-Oratorju | Magħluq |
| Ristorant Mamma Mia | Aċċess | FT |
| Parroċċa ta' l-Għarb | Aċċess għall-knisja parrokkjali | Diskuss |
| Parroċċa ta' l-Għasri | Aċċess għall-knisja parrokkjali | Diskuss |
| Parroċċa ta' Bormla | Aċċess għall-knisja parrokkjali | FT |
| Parroċċa tal-Gudja | Aċċess għall-knisja parrokkjali | Magħluq |
| Parroċċa tal-Kunċizzjoni, il-Ħamrun | Aċċess għall-knisja parrokkjali | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Victoria | Aċċess għat-tribunal reġjonali | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Żurrieq | Aċċess għat-tribunal reġjonali | Magħluq |
| Kunsill Lokali, Qormi | Aċċess għat-tribunal reġjonali | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Fgura | Aċċess għat-tribunal reġjonali | Magħluq |





| | | |
|---|---|---|
| PBS | Aċċess | Diskuss |
| Bay Street | Aċċess għal-lukanda Bay Street | FT |
| Pjazza tal-Palazz, Valletta | Parkeġġ Riservat | Magħluq |
| Kunsill Lokali, San Ġiljan | Parkeġġ Riservat ħdejn Bay Street | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Valletta | Aċċess għas-Suq | Diskuss |
| Banda ta' San Ġwann | Aċċess għall-każin | Diskuss |
| UCIM Co Ltd | Aċċess għax-xowrum | FT |
| Dipartiment tal-Liċenzji | Aċċess | Diskuss |
| Banda Sant'Antnin, Birkirkara | Aċċess għall-każin | Diskuss |

**AĊĊESSIBILITÀ - ĠODDA**

| | | |
|---|---|---|
| Kummissarju tal-Pulizija | Aċċess għall-karozzi fl-Imdina | Diskuss |
| Sptar San Luqa | Parkeġġ Riservat | Magħluq |
| Faces Ltd | Bus shelter f'Burmarrad | Magħluq |
| Parroċċa tan-Nadur | Knisja parrokkjali | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Kirkop | Toroq u bankini | Magħluq |
| Kunsill Lokali, Valletta | Bankina taħt ir-rampa għall-Kon-Kattidral ta' San Ġwann | Magħluq |
| Dar il-Mediterran | Aċċess | Diskuss |
| Bank of Valletta | Fergħa ta' Victoria | Magħluq |
| Kummissarju tal-Pulizija | Għassa ta' G'manġa | Magħluq |
| Vistel Ltd | Aċċess fl-Imżazen ta' Karaffa | Diskuss |

| | | |
|---|---|---|
| Ministeru tat-Turiżmu | Lift fit-Teatru Manoel | Diskuss |
| Kummissarju tal-Pulizija | Għassa ta' Paola | Diskuss |
| Conimex Ltd | Aċċess għall-ħanut | Diskuss |
| Kunsill Lokali, Mġarr | Aċċess | FT |
| Ministeru tat-Turiżmu | Aċċess għall-Bajja ta' San Ġorġ | Diskuss |
| Lukanda Riviera | Aċċess | FT |
| Kunsill Lokali, Bormla | Aċċess għal sqaq | Diskuss |
| Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Trasport għaċ-Ċentru ta' Matul il-Jum | Magħluq |

## GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI - PENDENTI

| | | |
|---|---|---|
| SBT | Servizz bl-SMS | Qorti |
| Ministeru ta' l-Intern | Karozzi tal-linja li jaħdmu bl-elettriku | Magħluq |

## GĦOTI TA' SERVIZZI U OĠĠETTI -ĠODDA

| | | |
|---|---|---|
| Diviżjoni tas-Saħħa | Kumpens Finanzjarju | Magħluq |
| Kooperativa tal-Mini Buses | Trasport | Magħluq |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Servizz ta' l-Ambulanza | Diskuss |
| Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Servizz fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum | Magħluq |
| HSBC Ltd | ATMs | Magħluq |
| Kunsill Lokali, Ħamrun | Pożizzjoni ta' sinjali | Magħluq |





| | | |
|---|---|---|
| Bank of Valletta | Electronic Banking | Magħluq |
| Community Chest Fund | Servizz | Magħluq |
| Dipartiment tal-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Servizz ta' Home Help | Magħluq |
| Kunsill Lokali, Victoria | Parkeġġ Riservat | Magħluq |
| Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Servizz fiċ-Ċentri ta' Matul il-Jum | Magħluq |
| Diviżjoni tas-Saħħa | Użu tal-Karta ta' l-Identità Speċjali | Magħluq |
| Dipartiment ta' l-Anzjani u Servizzi fil-Komunità | Nuqqas ta' Servizz ta' Home Help | Magħluq |
| Kunsill Lokali, San Pawl il-Baħar | Periklu | Magħluq |

## DJAR - ĠODDA

| | | |
|---|---|---|
| MEPA | Installazzjoni ta' lift | Diskuss |
| Żviluppatur Privat | Installazzjoni ta' lift | Magħluq |
| Dipartiment ta' l-Artijiet | Bitħa | Magħluq |
| Awtorità tad-Djar | Bdil ta' dar | Magħluq |

## ASSIGURAZZJONI - PENDENTI

| | | |
|---|---|---|
| HSBC | Assigurazzjoni | Magħluq |

## ASSIGURAZZJONI - ĠODDA

| | | |
|---|---|---|
| Middlesea Valletta Life Assurance | Premium ogħla | Diskuss |